**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. ASF 095/2022**

**EV ('l-Ilmentatrici')**

**vs**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**('il-Provditur tas-Servizz' jew**

**'Bank' jew 'HSBC')**

**Seduta tas-16 ta' Gunju 2023**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,** imressaq minn EV fejn gie allegat li bejn is-sena 2002 u s-sena 2012, il-Provditur tas-Servizz:

'*iffinanzja erba' loans fejn il-bilanci flimkien, inkluz l-interessi fuqhom, jammontaw ghal madwar erba' mija u hamsin elf ewro (EUR 450,000) ... Il-proprjetà parafernali tieghi … giet marbuta b'sensiela ta' ipoteki biex taghmel tajjeb ghall-dawn id-djun. Meta fl-2015 jien u r-ragel bdejna l-proceduri ghas-separazzjoni, l-HSBC baghat ghalija sabiex jiddiskuti r-repayment plan. Lill-dawn l-ufficjali tal-Bank jien qatt ma kont rajthom jew iltqajt maghhom qabel … Jien ghamlitha cara mal-Bank li n-negozjati saru kollha minn wara dahri, minghajr il-presenza, kunsens jew konsapevolezza tieghi. Ma kellix gharfien u karti xejn. Meta fl-2020 ir-ragel gie nieqes, il-Bank hedded li jressaq ghas-subbasta u ressaqni biex nipproponi pagamenti mensili, li baqa ma accettax, biex jghafasni ghall-kostituzzjoni ta' debitu. F'Novembru 2021 tlabt lill-bank jaghtini s-sanction letters iffirmati minni, ghaliex ghamiltha cara li jien naf li qatt ma ffirmajt xejn – huma tawni biss lista bl-ammonti u qaluli li l-Bank ma ghandu l-ebda dokument iffirmati minni. B'hekk staqsejt ghall-kuntratti fejn irrizulta li dawn saru bis-sahha ta' prokuri, li qatt ma gew moqrija quddiemi u wisq anqas ma gewx*

*spjegati lili la bhala kontenut u lanqas bhala implikazzjonijiet legali taghhom, tant li jien ma kontx naf bl-ezistenza taghhom qabel dak inhar'.*[1]

L-Ilmentatrici ssottomettiet li matul in-negozjati kollha, mill-applikazzjoni ghas-*sanction letters* u kuntratti, il-Bank qatt ma vverifika fuq il-kunsens taghha bhala s-sid tal-proprjetà li saru l-ipoteki fuqha.

Hija sahqet li l-Bank naqasha mid-dritt li jismaghha – la qatt ma raha, ltaqa' maghha, staqsiha jew kellu firma taghha tul il-process kollu tal-iffinanzjar. Hija rreferit ghall-*affidavit* taghha li kopja tieghu gie anness mal-ilment.[2]

L-Ilmentatrici ssottomettiet li l-Bank naqas milli jagixxi in *bona fede* meta kienet titlob spjegazzjoni ta' meta u kif dehret ghall-kuntratti li kienu jsemmu, u kien biss wara hames snin li qalulha li l-kuntratti saru bis-sahha ta' prokuri.

Hija sahqet li l-Bank messu fehem li anke ghall-kuntratt hija giet maqbuza meta gie pprezentat bi prokuri li kellhom ihallu suspetti anke minhabba l-fatt li mhux iffirmati kif suppost, fejn wahda mill-prokuri anke turi car li pagna ma ssegwix ma' ohra. Issottomettiet li jidher ukoll li l-kuntratti fihom difetti fil-forma taghhom fejn il-ligi tghid li kuntratti b'difetti simili huma nulli.

Gie sottomess li l-Bank kien negligenti u naqas mid-dover tieghu li jassikura ruhu li l-proprjetarja hija konxja ta' dan is-self estensiv fuq il-proprjetà taghha. Hija spjegat li jirrizulta wkoll li l-Bank naqas mid-dmir li jezercita d-diligenza necessarja meta baqa' jsellef filwaqt li l-pagamenti ma kinux isiru kif suppost.

L-Ilmentatrici sahqet ukoll li l-Bank naqas bi kbir meta nnegozja finanzjar ma' persuna li ma kellha l-ebda titolu fuq il-proprjetà, lanqas biz-zwieg, minghajr ma fittex li jisma' jew jiccekkja ma' sid il-proprjetà li fuqha saru l-ipoteki.

Gie sottomess li l-Bank naqas ukoll legalment meta accetta li johrog is-self bi hrug ta' *sanction letters* lil ragel mizzewweg minghajr il-firem ta' martu. Hija allegat li l-Bank kien negligenti meta ppermetta self li rabat proprjetà ta' terza persuna li ma kellha l-ebda sehem tul il-process kollu li wassal ghall-iffinanzjar.

L-Ilmentatrici sostniet li l-agir tal-HSBC johloq biza' serja, fejn sid ta' proprjetà jista' facilment isib ruhu f'pozizzjoni fejn, bla ma jaf, id-dar tieghu tigi ipotekata biex il-Bank jiffinanzja lil xi hadd iehor minn fuq daharu.

[1] Pagna (P.) 4
[2] P. 17-19

Hija ssottomettiet li l-fatti juru bic-car li l-Bank agixxa minghajr ma qies id-dmirijiet legali u procedurali li kellhom jittiehdu matul il-process li wassal ghall-iffinanzjar li sar minghajr il-volontà u l-kunsens taghha.

L-Ilmentatrici sahqet li peress li l-Bank ippermetta self minghajr il-kunsens taghha, bir-rizultat li kkawza danni kbar fuq livell finanzjarju u personali fil-konfront taghha, bhala rimedju l-Bank ghandu jsewwi din il-hsara. Hija talbet li l-Bank ghandu jirrimedja l-pozizzjoni li dahhalha fiha billi jikkancella d-dejn kollu li qed jorbot il-proprjetà taghha a kawza ta' dan l-agir illegali, negligenti u rregolari.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn essenzjalment:**[3]

Fir-risposta tal-Bank tqajmu diversi eccezzjonijiet preliminari dwar il-kompetenza tal-Arbitru biex jisma' dan il-kaz, specifikament li:

1. Ir-*ratione materiae*, fejn qed jintalab li jsir kancellament tad-dejn taghha mal-Bank u jigu kkancellati ipoteki fuq proprjetà immobbli, m'hijiex fil-kompetenza tal-Arbitru. Dan peress li l-kancellament ta' numru ta' atti pubblici inkluz il-kancellament ta' ipoteki generali u ipoteki specjali fuq proprjetà immobbli huwa rimedju pprovdut biss mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili *ai termini* ta' Artikolu 47(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Provditur tas-Servizz issottometta wkoll li Art. 26(3)(c) ta' Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprovdix lanqas ghal dan it-tip ta' rimedju.

2. La l-ilment qed iqajjem pretensjoni li l-ilmentatrici mhux minnu li tat il-prokuri li fuqhom qed jistrieh il-Bank allura dan huwa kaz ta' allegat frodi u allura kif argumenta l-Arbitru stess f'decizjonijiet ohra,[4] investigazzjoni dwar frodi ma taqax fil-gurisdizzjoni tieghu.

3. La l-ilment huwa ghal valur ta' kwazi doppju tal-limitu ta' Euro 250,000 tal-massimu tal-kompetenza tal-Arbitru skont Art. 21 (3)(a) ta' Kap. 555, dan ifisser li l-Arbitru ma ghandux kompetenza jisma' l-kaz ghax id-dejn kollu flimkien mal-garanziji ipotekarji huma indivizibbli.

4. L-ilment huwa preskritt skont kif provdut kemm taht Art. 21(b) ta' Kap. 555 kif ukoll *ai termini* ta' Art. 1222(1) tal-Kodici Civili Kap. 16.

---

[3] P. 58-62
[4] Bhal Kaz Nru. 082/209 HJ vs STM Malta Trust /STM Malta Pension Services tat-3 ta' Mejju 2021

5. Il-proceduri ta' dan l-ilment mhumiex integri ghax l-ilment ma sarx ukoll kontra l-eredi jew il-kuratur tal-ex zewgha u/jew in-nutara koncernati fl-ghoti tal-prokuri kontestati.

**Eccezzjonijiet Preliminari**

Matul il-proceduri tal-kaz, saru diversi seduti[5] rigward il-kaz in kwistjoni fejn il-kaz thalla ghad-decizjoni wara li saru s-sottomissjonijiet finali[6] mill-partijiet.

Qabel ma jidhol fil-merti tal-kaz, l-Arbitru huwa doveruz li l-ewwel jittratta l-eccezzjonijiet preliminari mqajma mill-Bank. Dan qed isir primarjament ghal diversi ragunijiet, fosthom:

a. Skont Art. 19(3)(d) l-Arbitru irid jittratta l-ilment b'mod proceduralment gust, informali, ekonomiku u mhaffef u, ghalhekk, il-kwistjoni ta' kompetenza tigi qabel il-merti, biex jekk jigi stabbilit li ma hemmx kompetenza, l-partijiet jiggwidaw ruhhom dwar fora ohra kompetenti li jistghu joffrulhom gustizzja.

b. Biex ma joffrix opinjoni dwar merti li jistghu jippregudikaw l-interessi tal-partijiet jekk ifittxu gustizzja band'ohra.

c. Id-diversi provizjonijiet li johrogu mill-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta ('l-Att') li jittrattaw il-kompetenza tal-Arbitru, bhal Art. 21 u Art. 22(2) tal-Att.

Ghalhekk l-Arbitru jhoss li l-ewwel ghandu jittratta l-eccezzjonijiet preliminari mqajma mill-Bank fir-risposta tieghu fejn tqajmet il-kwistjoni fuq, u gie kkontestat, il-kompetenza tieghu f'dan il-kaz.

L-Arbitru ser jibda biex l-ewwel jikkunsidra il-pozizzjoni taht l-Att, imbaghad, jghaddi ghal konsiderazzjonijiet ohra hekk kif applikkabbli u, mbaghad, jigu sussegwentement ikkunsidrati l-merti tal-kaz biss fic-cirkustanza fejn l-eccezzjonijiet preliminari mqajma mill-Bank jigu kollha michuda.

[5] Seduta tat-3 t'Ottubru 2022 (P. 63-66); Seduta tas-17 t'Ottubru 2022 (P. 141-144); u s-Seduta tas-17 ta' Jannar 2023 (P. 281-286).

[6] Nota ta' Sottomissjonijiet li l-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ircieva fil-15 ta' Frar 2023 mill-Ilmentatrici (P. 288 – 300) u fil-15 ta' Marzu 2023 mill-Bank (P. 303 – 311).

*Eccezzjonijiet dwar kompetenza*

Eccezzjoni li qajjem il-Provditur tas-Servizz f'dan ir-rigward hija fis-sens li l-Arbitru:

- **<u>ma' ghandux kompetenza *ratione materiae*, peress li r-rimedju mitlub mill-ilmentatrici li jikkancella d-dejn (u allura li jridu jigu kkancellati numru ta' atti pubblici nkluz kancellament ta' ipoteki generali u specjali fuq proprjetà immobbli) ma jaqax fil-kompetenza tal-Arbitru peress li Art. 26(3)(c) tal-Att ma jipprovdix ghal dan it-tip ta' rimedju li jista' jinghata biss mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili *'ai termini ta' Artikolu 47(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta'*</u>**. [7]

Skont l-Artiklu 26(3)(c) tal-Att, jekk l-ilment jinstab totalment jew parzjalment sostanzjat, l-Arbitru jista' jordna lill-Provditur tas-Servizz:

> *'... wahda jew izjed minn dawn li gejjin:*
>
> *(i) li jirrevedi, jirrettifika, jimmitiga jew ibbidel l-imgiba li fuqha jkun sar l-ilment jew il-konsegwenzi taghha ;*
> *(ii) li jaghti ragunijiet jew spjegazzjonijiet ghal dik l-imgiba;*
> *(iii) li jbiddel xi prattika li jkollha x'taqsam ma' dik l-imgiba;*
> *(iv) li jhallas ammont ta' kumpens ghal kull telf ta' kapital jew dhul jew danni sofferti mill-persuna li taghmel l-ilment minhabba fl-imgiba li fuqha jkun sar l-ilment …;*
> *(v) li jispecifika l-perjodu li fih l-ordni ghandha titwettaq mill-provditur tas-servizzi finanzjarji'.*

Jekk, ghas-sahha tal-argument, l-Arbitru ma ghandux kompetenza jordna l-kancellament ta' dejn u kancellament ta' ipoteki (*detto ma non concesso*), certament li l-Arbitru ghandu poter li joffri kumpens, fil-limiti li jippermettilu Kap. 555, ghal danni kif provdut f'sub-artikolu (iv) tal-Artikolu citat hawn fuq.

It-talba tal-Ilmentatrici kienet biex il-Bank *'jirrimedja il-pozizzjoni ...'* u ghalkemm indikat li dan ghandu jsehh *'billi jikkancella id-dejn'*,[8] huwa meqjus li intrinsikament dan jista' jinvolvi kumpens li jintuza biex jithallas u jinqata' d-dejn jew parti minnu, biex b'hekk tigi b'mod shih jew parzjalment irrimedjata l-pozizzjoni tal-Ilmentatrici.

[7] P. 58
[8] P. 4

Eccezzjoni ohra li qajjem il-Provditur tas-Servizz fuq kompetenza hija:

- **<u>Li la l-ilment huwa ghal valur ta' kwazi d-doppju tal-limitu ta' Euro 250,000 tal-massimu tal-kompetenza tal-Arbitru skont Art. 21(3)(a) ta' Kap. 555 dan ifisser li l-Arbitru ma ghandux kompetenza jisma' l-kaz ghax il-garanziji ipotekarji huma indivizibbli</u>.**

L-artiklu citat ma jghidx li l-Arbitru ma ghandux kompetenza jisma' lmenti fejn l-ammonti involvuti jeccedu EUR 250,000, izda jghid li l-kumpens li jista' jaghti l-Arbitru fuq bazi li torbot (*'binding decisions'*) ma jistax jeccedi EUR 250,000 flimkien ma' imghax u spejjez. Tant hu hekk li fis sub-artikolu (3)(b) tal-Art. 21(3) tal-Att, l-Arbitru jista' jirrakkomanda (bla poter ta' rabta) anke kumpens aktar minn hekk.

Ghalhekk, il-fatt li l-valur ta' dan l-ilment jeccedi l-limitu stabbilit fl-artikolu citat ma jfissirx li l-Arbitru awtomatikament ma ghandux kompetenza li jisma' dan l-ilment.

Il-Provditur tas-Servizz qajjem ukoll din l-eccezzjoni fuq il-kompetenza:

- **<u>Li l-ilment huwa preskritt skont kif provdut kemm f'Art. 21(1)(b) ta' Kap. 555 kif ukoll *ai termini* ta' Art. 1222(1) tal-Kodici Civili KAP 16.</u>**

L-argument hawn huwa li galadarba, skont il-Provditur tas-Servizz, l-Ilmentatrici kienet digà konsapevoli tal-problemi sa mill-2015, allura, dan il-kaz seta' jitressaq quddiem l-Arbitru biss sa sentejn wara li dahlet fis-sehh il-Ligi dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555), jigifieri, sat-18 t'April 2018. Allura, skont il-Bank, galadarba dan l-ilment sar ghand l-Arbitru f'Lulju 2022, dan huwa preskritt u l-Arbitru ma ghandux kompetenza jisimghu.

L-Arbitru izda hawnhekk irid jikkonsidra dak li huwa pprovdut f'sub-artikolu (d) tal-Art. 21 tal-Kap. 555, fejn specifikament jipprovdi li:

'*Ghall-fini ta' dan is-subartikolu, imgiba li tkompli fix-xorta ghandha tigi prezunta li tkun sehhet fiz-zmien meta tkun waqfet, u mgiba li tkun tikkonsisti minn serje ta' atti jew ommissjonijiet ghandha tigi prezunta li tkun sehhet meta l-ahhar minn dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu sehhu.'*

L-ilment bazikament jinvolvi l-validità ta' prokuri li ntuzaw biex sar id-dejn u l-ipoteki fuq il-proprjetà parafernali tal-Ilmentatrici.[9] Dan huwa stat kontinwu u kompla jizviluppa meta l-Bank fis-sena 2021 informa lill-Ilmentatrici li l-ipoteki

[9] P.4

kienu iffirmati permezz ta' prokura. Ghalhekk, l-Arbitru ma jqisx li l-kompetenza tieghu li jisma' dan il-kaz hija preskritta fuq il-bazi tal-Art. 21(1)(b) hekk kif sottomess mill-Provditur tas-Servizz.[10]

Eccezzjoni ohra li qajjem il-Provditur tas-Servizz fuq kompetenza fir-rigward ta' Kap. 555 hija:

- **Li l-ilment mhuwiex integru ghax ma sarx ukoll kontra l-eredi jew il-kuratur tal-ex-zewgha u/jew in-nutara koncernati fl-ghoti tal-prokuri kontestati.**

Skont l-Att, ilmenti quddiem l-Arbitru jridu jitressqu minn klijenti eligibbli[11] li huma definiti bhala konsumatur(i) ta' servizzi finanzjarji fejn tali servizz inghata, jew gie offrut, jew intalab minn provditur tas-servizzi finanzjarji.[12] Provditur tas-Servizzi Finanzjarji jehtieg ikun xi hadd[13] licenzjat jew awtorizzat mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jew kull ligi ohra tas-servizzi finanzjarji, u li jkun relatat ma' servizzi ta' investiment, ibbankjar, istituzzjonijiet finanzjarji, karti ta' kreditu, u kull servizz iehor li, fil-fehma tal-Arbitru, jikkostitwixxi servizz finanzjarju.

Huwa car ghalhekk li l-Arbitru ma jistax jisma' u ma ghandux kompetenza dwar ilmenti mressqa kontra partijiet li mhumiex provditur tas-servizz kif definit fl-Att u li l-persuni li jehtieg jigu *chiamati in causa* fit-tfittxija ghall-verità ta' dan il-kaz (ez. nutara u beneficcjarji tal-prokura), ma jaqghux taht id-definizzjoni ta' provditur tas-servizz skont Artiklu 2 tal-Att u, ghalhekk, ma jistghux ikunu ttrattati bhala parti fl-ilment.

Il-fatt li l-ilment ma kienx jinkludi terzi barra mill-Bank ma ghandux izda jitqies bhal xi haga li tinvalida l-ilment jew tnehhi l-kompetenza tal-Arbitru biex jisimghu.

Eccezzjoni ohra li qajjem il-Provditur tas-Servizz fuq kompetenza hija:

- **Li la l-ilment qed iqajjem pretensjoni li l-ilmentatrici mhux minnu li tat il-prokuri li fuqhom qed jistrieh il-Bank allura dan huwa kaz ta' allegat frodi**

[10] In vista tad-decizjoni finali hekk kif spjegat f'dan il-kaz izjed 'il quddiem, l-Arbitru jhoss li f'dan l-istadju ma ghandux jesprimi ruhu fuq preskrizzjoni skont il-kodici civili, biex ukoll ma jippregudikax il-pozizzjoni tal-partijiet jekk ifittxu gustizzja fil-qorti.
[11] Art. 11(1)(a)
[12] Art. 2 ta' Kap. 555
[13] *Ibid*.

**u allura kif argumenta l-Arbitru stess f'decizjonijiet ohra, investigazzjoni dwar frodi ma taqax fil-gurisdizzjoni tieghu**.[14]

Dan l-ilment jittratta bazikament il-validità ta' ipoteki fuq proprjetà parafernali tal-Ilmentatrici moghtija lill-Bank biex jaghmlu tajjeb ghal dejn tal-Ilmentatrici u/jew tal-ex-ragel taghha (illum mejjet) mal-Bank.

Il-validità ta' dawn l-ipoteki tippernja fuq jekk il-prokuri li permezz taghhom sar self u gew mahruga dawn l-ipoteki kinux veri u validi jew kinux ivvizzjati minn xi frodi u/jew xi aspetti materjali ohra li jaffetwaw il-validità taghhom.

Fl-ilment taghha, l-Ilmentatrici tghid li *'jien ma kontx naf bl-ezistenza taghhom qabel dakinhar'.*[15] (Novembru 2021).

Fix-xhieda taghha waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2022, l-Ilmentatrici xehdet car u tond li, *'Nghid li l-prokuri mhux jien iffirmajthom'.*[16]

L-Arbitru jhoss li huwa car li, fic-cirkustanzi, l-Ilmentatrici qieghda taghmel allegazzjoni ta' frodi.

Aktar 'il quddiem, l-avukat taghha jghid:

'... *my client reiterates, which she had already said under oath … that she never went for such a power of attorney, she was never conscious - if she did give this power of attorney (since there are doubts on the signature) …'.*[17]

Donnu hawn l-avukat tal-ilmentatrici qieghed jitfa' dubju jekk il-klijenta tieghu tatx dawk il-prokuri jew jekk tathomx meta ma kinetx konxja u, ghalhekk, ma tiftakarx li tathom. Tqajmu wkoll argumenti legali ohra dwar difetti teknici f'dawn il-prokuri li allegatament jirrendihom ivvizjati legalment u, ghalhekk, mhux validi.

**L-Arbitru jhoss li jekk hemm allegazzjoni ta' frodi, allura, din hija kwistjoni kriminali li ma taqax taht il-kompetenza tieghu u tali frodi ghandha tigi rrapportata mill-Ilmentatrici lill-awtoritajiet kompetenti.**

**Jekk l-allegazzjoni hija dwar difetti teknici li jimminaw il-validità tal-prokuri, l-Arbitru xorta jhoss li dawn huma kwistjonijiet civili li ghandhom jigu ttrattati fil-qrati civili fejn jiddahlu fil-kawza l-partijiet kollha koncernati li kienu parti**

[14] Kaz. Nru 082/2019 HJ vs STM Malta tat-3 ta' Mejju 2021.
[15] P. 4
[16] P.64
[17] P. 90

**mill-process ta' dawn il-prokuri, inkluz, in-nutara kif ukoll kull xhud u beneficjarju ta' dawn il-prokuri.**

Jekk wiehed ukoll irid jannulla dokumenti ta' certu portata, bhal prokuri li permezz taghhom inghata self u ipoteki favur terzi fuq proprjeta' parafernali, wiehed irid jew jipprova frodi jew jipprova difetti teknici li skont il-kodici civili jkunu tali li jivvizzjaw il-validità tad-dokumenti.

Biex dan isir, l-*onus* tal-provi jaqa' fuq min qed jallega. F'dan il-kaz saru allegazzjonijiet fejn il-provi necessarji jistghu jigu jekk jiddahlu fil-kawza persuni ohra li kienu nvoluti fl-ghoti tal-prokuri. Dan ma sarx u jkun aktar addattat jekk dawn il-provi jitressqu u jigu meqjusa matul proceduri quddiem il-qorti.

**L-Arbitru huwa tal-fehma li meta wiehed iqis kollox u c-cirkustanzi partikolari ta' dan il-kaz, huwa jasal ghall-konkluzjoni li ghar-ragunijiet imsemmija f'din id-decizjoni, dan il-kaz, fl-essenza tieghu, jirrigwardja aspetti materjali li ma jaqghux, u jmorru barra u lil 'hinn, mill-ambitu u l-iskop tal-Kap. 555.**

**Konsiderazzjonijiet ohra**

Ghar-ragunijiet digà spjegati, l-Arbitru qieghed jichad numru ta' eccezzjonijiet preliminari mqajma mill-Provditur tas-Servizz, izda jiddeciedi li jilqa' l-eccezzjoni preliminari mressqa fir-rigward li l-Ligi dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, Kap. 555, ma taghtihx il-kompetenza li jiggudika kazijiet fejn hemm akkuzi ta' frodi bhal dawk fic-cirkustanzi u n-natura tal-ilment imressaq.

F'decizjonijiet ohra, l-Arbitru digà esprima ruhu car li fejn ikun hemm akkuzi ta' frodi, dawn huma akkuzi kriminali li dwarhom l-Arbitru ma ghandux gurisdizzjoni.[18]

Anke dwar l-akkuzi dwar vizzji li jimminaw il-validità tal-prokuri li fuqhom tistrieh ghal kollox id-difiza, dawn huma materji purament legali fejn il-kwistjoni ta' ekwità ma tidholx (u lanqas tinvolvi bzonn ta' protezzjoni bhat-tip li joffru l-ligijiet tal-Arbitru u l-ligi tal-Protezzjoni tal-Konsumatur).[19]

[18] Kaz Numru 082/2019 (*HJ vs STM Malta*) liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-Seduta tat-23 ta' Marzu 2022 (Appell Inferjuri Numru 56/2021 LM).
[19] Kap. 555 u Kap. 510

**Decizjoni**

**Ghar-ragunijiet spjegati hawn fuq, l-Arbitru jhoss li ma ghandux kompetenza biex jiggudika dan l-ilment ghax l-allegati frodi u vizzji li jimminaw il-prokuri, li huma l-pern li fuqu huwa mibni dan l-ilment, ma jaqghux fl-ambitu tal-funzjoni tal-Arbitru skont l-Att.**

**Dan meta l-Arbitru anke jikkunsidra li skont Art. 19(3) tal-Att, fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu, huwa ghandu, fosthom:**

***'...***

***(b) jiddeciedi u jaghti gudizzju fuq ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz;***

***(c) jikkunsidra u jiehu kont, b'dak il-mod u sakemm huwa jidhirlu xieraq, ta' ligijiet applikabbli u rilevanti, regoli u regolamenti, b'mod partikolari dawk li jirregolaw l-imgiba ta' provditur ta' servizz, inkluz linji gwida mahruga mill-awtoritajiet supervizorji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment;***

***(d) jittratta lment b'mod proceduralment gust, informali, ekonomiku u mhaffef ...'.***

**L-ilment in kwistjoni ghalhekk imur lil 'hinn min dak stipulat u pprovdut fl-Att.**

**Din id-decizjoni hi bla pregudizzju ghad-dritt tal-partijiet li jressqu l-kaz quddiem qorti jew tribunal kompetenti li jghaddi gudizzju.**

**Kull parti ggorr l-ispejjez taghha peress li l-kaz qieghed jigi deciz fuq eccezzjoni preliminari bla konsiderazzjoni tal-merti.**

**Alfred Mifsud**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**